MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 103/2005/1

**Gatt Ready Mix Limited.**

**vs**

**Anthony Camilleri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat li fit-22 ta' Lulju 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-
*'It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2005, li permezz tieghu s-socjeta' attrici Gatt Ready Mix Ltd. qed titlob li l-konvenut Anthony Camilleri jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm531.43), illum ekwivalenti ghal elf mitejn u seba' u tletin Euro u disgha u*

*sittin centezmi (€1,237.69), rapprezentanti xoghol ta' konkos li sar fuq inkarigu tal-konvenut fi Triq Wied Il-Mielah, Gharb, Ghawdex;*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-6 ta' Jannar 2006, eccepixxa:-*

*1. Il-preskrizzjoni kemm ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili kif ukoll dik ta' tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-istess Kodici ;*

*2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenut mhuwiex debitur lejn l-attur ghal ebda ammont ta' flus.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.*

*Sema' l-provi;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Sema' lid-difensuri tal-partijiet ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;*

*Ikkunsidra :*

*Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat li jhallasha s-somma ta' elf mitejn u seba' u tletin Euro u disa' u sittin centezmi (€1,237.69), u dan in kwantu ghas-somma ta' sebgha mija u tnax –il Euro u hamsa u hamsin centezmi (€712.55) prezz ta' konkos li gie supplit lill-konvenut mis-socjeta' attrici u ghall-uzu tat-tractor biex ingarr dan il-konkos minn fuq it-truck tar-ready mix ghall-post fejn riedu l-konvenut, u in kwantu ghall-bilanc huwa hlas ta' mghax minn meta gie kkonsenjat dan il-konkos lill-konvenut f'April 1994 sa April 2005;*

*Illi mill-provi li jemergu mill-atti tal-kawza jirrizulta li fis-sena 1994 il-konvenut kien ordna xi jardi tal-konkos minghand is-socjeta' attrici biex ta l-bejt ta' kamra jew mahzen li kien bena f'ghalqa fl-inhawi maghrufa bhala*

*‘Tal-Imtiehen’ fil-kuntrada ta’ Wied Il-Mielah fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex. Dan mhuwiex kontestat lanqas mill-konvenut billi hu stess ikkonferma fix-xhieda tieghu tat-3 ta’ Ottubru 2008, a fol.71 tal-process li kien ordna dan il-konkos. Spjega wkoll fl-istess xhieda tieghu li kien spicca bil-kwistjonijiet mas-socjeta’ attrici billi deherlu li s-socjeta’ attrici ma kelliex izzommlu ebda hlas tal-uzu tat-tractor u billi lanqas ma kien qabel mal-kont tas-socjeta’ attrici billi skond hu, is-socjeta’ attrici kienet qed titolbu hlas zejjed minhabba jardi zejda ta’ konkos minn dak li kien gie supplit lilu. Madanakollu il-konvenut iddikjara li huwa kien hallas il-kont kollu pero’ spjega li lil min kien hallas il-flus ma jiftakarx, kemm kien il-kont li hallas ma jiftakarx, u lanqas ma pproduca ebda ricevuta tal-hlas jew ressaq xi prova ohra ta’ kif kien gie saldat dan il-pagament tal-konkos ;*

*Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah - “la prova del pagamento e’ a peso del convenuto che lo allega” – ara P.A., **Azzopardi vs Cutajar**, deciza fit-30 ta’ Gunju, 1982, u l-gurisprudenza hemm kwotata. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza : **Cassar vs Agius**, deciza fis-7 ta’ Lulju, 1924, qalet li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur [ara wkoll P.A., **Seychell vs Gabriele**, deciza fid-29 ta’ Lulju, 1982; P.A. **Satariano vs Saliba**, deciza fl-1 ta’ Ottubru, 1982; Qorti Tal-Kummerc, **Scicluna vs Mizzi**, deciza fit-28 ta’ Marzu, 1988; u P.A., **Scicluna vs Cutajar**, deciza fit-30 ta’ Gunju, 2000] ;*

*Biex jaghmel din il-prova l-konvenut mhux necessarjament ghandu jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali [Appell Kummercjali, **Avv. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe**, 26 ta’ Jannar 1976; Appell, **Joe Chetcuti noe –vs- Joseph Pearson et noe**, 5 ta’ Ottubru 1998]. Kif professat fis-sentenza riportata **Vol. XLIII.ii.624**, “il-pagament jista’ jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal*

*dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant";*

*Dan mhux strettament il-punt hawn gjaladarba skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar prima facie jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif jinghad mill-**Phipson "On Evidenc**e", 11 th Edition, para 103 "In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case". L-istess awtur jispjega wkoll (op cit, para 91) illi r-regola "Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case". Minn dawn il-konsiderazzjonijiet huwa logiku illi qabel il-prova tal-pagament da parti tal-konvenut, li hu imprexxindibilment kien ikun obbligat jaghmel, l-ewwel stava ghall-attur illi jissodisfa lill-Qorti bi grad ta' prova li ma tkunx wahda merament possibbli imma bazata fuq il-probabilita' [Appell Inferjuri, **Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja**, 20/01/2003]. Ezaminati l-provi, dan it-Tribunal huwa soddisfatt li din il-prova s-socjeta' attrici lahqitha billi bhala fatt lanqas ma jmerih il-konvenut li dan il-konkos kien gie ordnat minnu u li kien gie kkonsenjat lilu. Tant hu hekk li l-konvenut ukoll semma' li dwar il-hlas tat-tractor huwa kien ikkwistinja mas-socjeta' attrici billi kien deherlu li ta' dan is-socjeta' attrici ma kelliex izzommu ebda hlas, kif ukoll kien ikkwistinja mas-socjeta' attrici dwar il-kont il-ghaliex ma kienx qabel mal-ammont ta' jardi li tieghu s-socjeta' attrici kienet qed titolbu l-hlas ghalkemm minn naha tieghu l-konvenut baqa' ma gab ebda prova ta' kemm konkos zejjed is-socjeta' attrici kienet qed titolbu l-hlas, u fin-nuqqas ta' tali prova dan it-Tribunal qed iqis li l-ammont ta' jardi ta' konkos indikat fil-kont tas-socjeta' attrici huwa wiehed korrett. Gialadarba s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova li x-xoghol ordnat mill-konvenut kien ittiehed, issa*

*sta ghall-konvenut li jipprova l-pagament li hu stess jiddikjara li kien issaldah ;*

*Jibda biex jigi osservat illi fejn il-verzjonijiet provvduti mill-kontendenti dwar dan il-hlas, jinsab deciz illi 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti .' [Prim'Awla,* ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia****, 24 ta' Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F'sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi 'fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.' [Appell Sede Inferjuri,* ***Joseph Borg et vs Joseph Bartolo****, 25 ta' Gunju 1980] ;*

*Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha u mhuwiex moralment konvint li l-konvenut kien issalda l-kont kollu tal-konkos li kienet issupplixxietlu s-socjeta' attrici, u ma rnexxielux jiddisimpenja ruhhu minn din il-prova. Tant li l-konvenut kien spicca hazin sew mas-socjeta' attrici li hu stess jikkonferma li kien qal kliem lil Mario Gatt li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, fis-sens biex ma jkellmux aktar u ma jharisx lejn wiccu kull fejn jarah. Il-konvenut jikkonferma wkoll li minn dak in-nhar li hu kien ikkwistinja ma' Mario Gatt, la hu u lanqas Mario Gatt ma*

*kienu regghu tkellmu. F'dawn ic-cirkostanzi huwa altru li jekk il-konvenut kien verament issalda l-kont mas-socjeta' attrici, li kellu jesigi ricevuta tal-hlas, u mhux kif qal hu stess in kontro-ezami li s-socjeta' attrici ma kienet hargitlu ebda ricevuta. Il-konvenut ma gab ebda prova sodifacenti biex juri li hu kien hallas kollox, u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaccetta l-verzjoni tas-socjeta' attrici li kien sar biss hlas akkont billi tinsab sostnuta bid-dokumenti esibiti. 'Min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-soddisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx (Kollez. XXXVII.i.535), jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. (Kollez. XXXV.iii.604; App. Inf. In re. 'Cassar v Agius', deciz fid-9 ta' Lulju, 1924; P.A. in re 'Cricchiola v Pulis', deciz fid-19 ta' Jannar 1965)' [P.A.,* ***Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat****, deciza fit-23 ta' Frar 1965] ;*

*Il-kwistjoni bejn il-partijiet tibqa' ghalhekk mhux daqstant jekk il-konvenut huwiex debitur lejn is-socjeta' attrici, izda pjuttost f'liema ammont ta' flus huwa debitur il-konvenut lejha. Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa kollha l-provi u ma jistax jaqbel ghal kollox mal-konteggi tas-socjeta' attrici. Ghalkemm is-socjeta' attrici tikkontendi li minghand il-konvenut kienet irceviet pagament wiehed biss akkont, kienet hi stess li esibiet zewg ricevuti bin-numri 000842 u 000850, it-tnejn ghall-ammont ta' tlieta u erbghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm43.75)–il wiehed, illum ekwivalenti ghal mija u wiehed Euro u wiehed u disghin centezmi (€101.91) –il wiehed. Fiz-zewg kazijiet il-hlas li ghalih kienet harget r-ricevuta kien sar akkont. Jirrizulta ndubbjament minn ezami ta' dawn iz-zewg ricevuti li l-konvenut kien ghamel mill-inqas zewg pagamenti u mhux wiehed, liema hlas jirrizulta wkoll minn dawn ir-ricevuti li ma kienx sar lill-istess persuna kif jidher car mill-kalligrafija ta' fuqhom, id-data kif miktuba, u mill-firma tar-ricevent li mhumiex identici. Mill-provi li ressqet is-socjeta' attrici stess, m'hemmx dubbju li l-konvenut kien hallasha l-ammont ta' Lm43.75 darbtejn, u cioe' Lm87.50, illum ekwivalenti ghal €203.82, u ghalhekk mill-ammont li qed jigi minnha reklamat fi hlas ta' konkos u l-uzu tat-tractor*

*trid titnaqqas is-somma ta' mitejn u tliet Euro u tnejn u tmenin centezmi (€203.82) ;*

*It-talba attrici timmerita ghalhekk li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' hames mija u tmien Euro u tlieta u sebghin centezmi (€508.73) ;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija u tmien Euro u tlieta u sebghin centezmi (€508.73). Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, u senjatament il-fatt li l-konteggi li gew pprezentati mis-socjeta' attrici mhumiex korretti sal-ahhar u li l-konvenut baqa' qatt ma gie nterpellat b'ittra ufficjali ghall-hlas tas-sorte bl-imghax, dan it-Tribunal iqis li jkun gust u ekwu li l-imghax ghandu jibda jiddekorri fuq dan il-bilanc b'effett minn notifika tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u mhux kif mitlub ;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut filwaqt li dawk relatati mas-sentenza parzjali tat-30 ta' Dicembru 2008, ghandhom jibqghu kif hemm gew regolati'.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Anthony Camilleri fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka z-zewg sentenzi tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex), it-tnejn fl-ismijiet Gatt Ready Mix Limited versus Anthony Camilleri (Avviz numru 103/2005) decizi l-ewwel wahda tat-tletin ta' Dicembru 2008 u t-tieni wahda tat-22 ta' Lulju 2010 u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta appellata billi tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew fin-nuqqas li taghmel dan ; thassar u tirrevoka s-sentenza finali tat-Tribunal u tilqa t-tieni eccezzjoni tal-appellant u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta appellata

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tas-socjeta attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta Gatt Ready Mix Limited (C 9169) fejn issottomettiet li l-appell maghmul mill-intimat appellant ghhandu jigi michud u b'hekk

tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar 30 ta’ Dicembru 2008 kif ukoll dik is-sentenza finali tat-22 ta’ Lulju 2010 moghtija mill-istess Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta’ April 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta’ Gunju 2011.

Rat l-atti kollha relattivi.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2156 (f) u 2148 (b) tal-Kap. 16** kellha tigi milqugha mit-Tribunal ghaliex id-dikjarazzjoni ta’ hlas ma hijiex inkompatibbli mal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni; (2) li l-Tribunal ghanmel evalwazzjoni manifistament zbaljata tal-provi; (3) l-allegat hlas imsemmi fis-sentenza ma sarx akkont izda ghas-saldo ta’ partita partikolari biss; (4) ma kellhux jakkorda mghax mid-data tal-prezentata tat-talba imma mid-data tas-sentenza.

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li d-dikjarazzjoni ta’ pagament ma hijiex inkompatibbli ghall-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni eccepita u nghad b’hekk saret applikazzjoni zbaljata ta’ dak li nghad fis-sentenza **“Maltacom. p.l.c. vs Paul Piscopo”** (A.I.C. (PS) – 5 ta’ Lulju 2006), u dan peress li diversi sentenzi sostnew li l-eccezzjoni tal-pagament u dik ta’ preskrizzjoni huma kompatibbli ma xulxin u hawn saret riferenza ghas-sentenzi **“Carmelo Ellul vs Giuseppe Imbroll et”** (P.A. (GC) – 21 ta’ Mejju 1921 – Vol. XXIV.ii.589); **“Av. Dr. Antonio Caruana vs Antonio Spiteri”** (A.C. (HH) – XXX.i.964); **“Guido Vella A & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.”** (A. C. – 5 ta’ Ottubru 2001); **“Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited”** (P.A. (JRM) – 12 ta’ Ottubru 2004) u dak li qal il-**Giorgi – Teoria delle Obbligazzioni Nel Diritto Moderno Italian – Vol. VIII. para. 391 (Edizione 1988).**

Illi izda minn qari akkurat tas-sentenza citata fl-ismijiet **"Maltacom. p.l.c. vs Paul Piscopo"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Lulju 2006) jirrizulta li l-istess sentenza giet applikata ghaliex inghad l-kondotta processwali assunta mill-konvenuta ma baqghetx ankrata mal-presuzjoni konstitwenti din il-preskrizzjoni, kif il-konvenut kellhu dritt li jaghmel, izda minflok dan spontanjament ghadda 'l quddiem biex jasserixxi li hu kien issalda zmien qabel is-somma reklamalata. Dan allura jfisser li l-istess konvenut, illum appellant kien qed jirrikonoxxi l-ezistenza tas-somma riklamata b'dan li hu kien qed jinsisti li hallasha. *"Fi kliem iehor mill-presunzjoni ghadda ghall-affermazzjoni ta' hlas. Fil-hsieb tal-Qorti tali attagjament hu imkompattibbli ma' dik il-volonta' fl-appellanti li javvolora ruhu mill-kawza estintiva ta' azzjoni bl-eccepita preskrizzjoni. Jinghad a propositu mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (16 ta' Novembru 1980, Numru 5973)** illi, "il-riconoscimento del diretto idoneo adf interompere il-decorso della prescrizione puo essere anche tacito e consistere, quindi, comportamento incompatibile con volonta' di disconoscere la pretesa del creditore".*

Illik anke f'dan il-kaz meta l-konvenut appellant allega fix-xhieda tieghu datata 3 ta' Ottubru 2008 li *"l-ammont kollu jiena hallastu lill-kumpanija pero' min ircieva l-hlas minghadi illum jiena ma niftakarx"* , jirrizulta kli effetivament din il-Qorti, bhal dik diversament presjeduta, *"tara attegjament assunt mill-appellanti kif kors tal-process, u in partilolari l-istess diposizzjoni tieghu, vera kontradizzjoni in kwantu mill-banda wahda jappilja mal-hlas prezuntiv li taghimel il-preskrizzjoni eccepita mentri minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu jirrikonoxxi li l-kreditu ghalkemm jezisti, mhux dovut ghax hu kien issaldah".* B'hekk din il-Qorti thoss li dan l-attagament da parte tal-appellant huwa inkonsistenti mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex anke jikkostitwixxi rikonoxximent tal-kreditu u ghalhekk tali eccezzjoni giet korrettament michuda bis-sentenza fl-ismijiet premessi datata 30 ta' Dicembru 2008 u ghalhekk l-aggravju fuq dan il-punt qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li t-Tribunal ghamel evwalazzjoni zbaljata tal-provi u dan peress li l-pagament l sar fis-27 ta’ Marzu 2004 ta’ Lm43.37 ftit qabel l-ittra ufficjali tat-2005 u jallega wkoll li fil-fatt hargu zewgt ricevuti fuq l-istess ammont wahda numru 842 li harget fil-2004 u l-ohra numru 849 li saret fil-2007. Din il-Qorti thoss li jirrizulta li fl-istess sentenza l-istess Tribunal jirrizulta li kien sodisfatt li sar l-istess pagament ammess mill-konvenut f’dik il-kawza fis-sena 2004, u dan kien bizzejjed ghall-iskop tal-kawza, sabiex l-istess Tribunal, jasal biex jghid, kif fl-istat tal-provi setgha jaghmel, li dan kien pagament akkont tal-ammont dovut mertu tal-kawza odjerna, u allura din il-Qorti thoss li tali evalwazzjoni tal-provi li hija bbazata fuq elementi ta’ fatt kienet fil-kompetenza u diskrezzjoni tal-Tribunal li jaghmel, u thoss lik fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba l-istess diskrezzjoni, anke peress li ma jezixtux ragunijiet eccezzjonali ghaliex ghandhu jsir dan u dan fuq l-iskorta tas-sentenzi **“Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina”** – A. C. - 10 ta’ Jannar 1995) u **“Carmelo Camilleri et vs Joseph Spiteri et”** (A.I.C. (RCP – 28 ta’ Ottubru 2008). Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

Illi fuq it-tielet aggravju japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet moghtija fuq it-tieni aggravju; izda jinghad ukoll li f’dan il-kaz hemm ukoll element ta’ kontradittorjeta’ f’dak li qed jallega l-appellanti, ghaliex f’parti mill-appell jghid li huwa wisq inversomili li sar hlas fis-sena 2004 ghall xoghol fornit fis-sena 2004, mentri f’din il-parti jghid li *“se mai kien hlas ta’ partita partikolari ikkunsinnata fis-7 ta’ April 1994 kif jirrizulta minn dok X esebit mis-socjeta’ attrici nnifisha”* (para. 3 tar-rikors ta’ l-appell). Apparti minn hekk dan jikkonferma wkoll l-posizzjoni tat-Tribunal li hawn si tratta ta’ pagament akkont ghas-sorte mertu tal-kawza odjerna u jimporta wkoll interuzzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2134 tal-Kap. 16.** Jinghad ukoll li l-appellant bl-ebda mod ma ikkontradixxa l-istess hlas u allura t-Tribunal kien korrett li wasal ghall konkluzzjoni espresso fl-istess sentenza u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar il-punt li l-imghax kellhu jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-prezentata tal-avviz u dan in vista tad-differenza li hemm bejn is-sorte mitlub u dak akkordat, din il-Qorti thoss li tali aggravju huwa wkoll bla bazi u dan peress li kieku s-sorte kellhu jigi kollu akkordat l-imghax kien jiddekorri mid-data tal-konsenja, mentri t-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak li huwa laqa' bhala ammont dovut u ffissa d-data tal-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz u din il-Qorti, thoss li f'dawn il-fattispecie tal-kaz tali decizjoni hija wkoll korretta.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-appellant Anthony Camilleri ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata Gatt Ready Mix Limited datata 21 ta' Marzu 2011 in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Anthony Camilleri fir-rikors tieghu tal-appell datat 9 ta' Awissu 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma d-decizjonijiet fl-ismijiet **"Gatt Ready Mix Limited vs Anthony Camilleri"** datata 30 ta' Dicembru 2008 u 22 ta' Lulju 2010.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Anthony Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------